IL-KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

# Premju għall-Arti

**IL-LINJI GWIDA U REGOLAMENTI**

MAĦRUĠA: DIĊEMBRU 2024

## 1. Il-Kuntest

Il-Premju għall-Arti huwa ċelebrazzjoni tal-kisbiet ewlenin tal-industrija kulturali u kreattivi Maltin. Kif kien enfasizzat fil-Politika Kulturali Nazzjonali 2021, dan il-premju huwa "avveniment nazzjonali ta' profil għoli li jagħti eċċellenza fil-qasam tal-kultura u l-arti, filwaqt li jħeġġeġ aktar professjonaliżmu u distinzjoni fi ħdan is-settur." Dan jallinja mal-ewwel prinċipju gwida kif stipulat fi Strateġija2025 li huwa "l-promozzjoni tal-avvanz tal-istatus tal-artisti u tal-prattikanti kulturali u kreattivi."

L-espressjoni artistika għandha tkun rikonoxxuta, iċċelebrata u mgħożża bħala valur essenzjali tal-ħajja kulturali kontemporanja, u riflessa fl-impenn lejn il-prinċipji ta' drittijiet kulturali. Dan il-premju jixħet dawl fuq uħud mill-protagonisti ewlenin li wrew il-qawwa tal-espressjoni artistika biex ippreżentaw perspettivi u ideat ġodda f'kuntest soċjali u kulturali dejjem jinbidlu.

L-eċċellenza fl-arti hija kkaratterizzata mill-ħolqien tal-aktar xogħlijiet kuraġġużi, oriġinali, innovattivi, u eżegwiti b'mod impekkabbli. Dan jinkludi spettru wiesa' ta' espressjonijiet artistiċi, minn tradizzjonali għal kontemporanji, minn firxa wiesgħa għal dawk niche, minn baġit baxx għal baġit għoli. L-eċċellenza tinsab fl-impatt tagħha kemm fuq il-prattikanti kreattivi kif ukoll fuq l-udjenzi, immarkati minn profondità, viżjoni u innovazzjoni permezz ta' proċessi ekwi u inklużivi. Tinvolvi integrità, reżonanza, oriġinalità, profiċjenza, ambizzjoni, immaġinazzjoni, u ħsieb fit-tul. L-eċċellenza tħaddan prattiki ġusti fi ħdan il-proċessi li jwasslu għal proġetti artistiċi, li jinkludu r-rispett tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà, in-nondiskriminazzjoni, l-aċċess u l-opportunitajiet indaqs, ir-responsabbiltà, il-kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u l-aderenza mar-regolamentazzjoni tal-proprjetà intellettwali. Dan il-premju jaspira li jirrikonoxxi l-ogħla standards artistiċi miksuba permezz ta' prattiki ġusti, filwaqt li jħaddan il-potenzjal kontinwu ta' bidliet soċjetali u teknoloġiċi li jħallu impatt fuq il-proċessi u r-riżultati artistiċi.

Għalhekk, l-għan ewlieni huwa, li jirrikonoxxi u li jippremja xogħol li tnieda matul l-istaġuni tal-aħħar sentejn li huwa eċċellenti, innovattiv, u li jispikka u/jew li tjieb b'mod sinifikanti fl-approċċ tiegħu lejn il-produzzjoni.

Mill-2023 'il quddiem, il-Premju għall-Arti beda jittella' fuq bażi biennali. Din l-edizzjoni se tittella' fl-2025, ta' warajha fl-2027.

## 2. Il-Kategoriji

Fll-2023 se jkun hemm b'kollox 14-il kategorija kompetittiva li se jinqasmu kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | L-aqwa programm jew staġun artistiku 2023/2024 | Best artistic programme or season 2023/2024 |
| 2 | L-aqwa programm jew staġun artistiku 2024/2025 | Best artistic programme or season 2024/2025 |
| 3 | Premju għat-tisħiħ artistiku nazzjonali | Award for national artistic excellence |

In-nominati għall-kategoriji msemmija hawn fuq iridu jkunu Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi.

| | | |
|---|---|---|
| 4 | L-aqwa xogħol għal tfal u żgħażagħ | Best work for young audiences |
| 5 | L-aqwa proġett fil-komunità | Best project in the community |

| | | |
|---|---|---|
| 6 | L-aqwa produzzjoni: teatru | Best Production: theatre |
| 7 | L-aqwa produzzjoni: żfin | Best Production: dance |
| 8 | L-aqwa produzzjoni: arti viżiva | Best Production: visual art |
| 9 | L-aqwa produzzjoni: multidixxiplinarja | Best Production: multidisciplinary |
| 10 | L-aqwa produzzjoni: mużika | Best Production: music |
| 11 | L-aqwa kisbiet internazzjonali | Best international achievement |
| 12 | L-aqwa intrapriża kreattiva u innovattiva | Best creative and innovative enterprise |
| 13 | Premju għall-prattikant kreattiv żagħżugħ/a | Young creative practitioner award |
| 14 | Premju għall-prattikant kreattiv | Creative practitioner award |

In-nominati għall-kategoriji msemmija hawn fuq iridu jkunu individwi, entitajiet, NGOs kulturali, kumpaniji u/jew kollettivi, sakemm għandhom id-drittijiet tal-proprejtà intellettwali tal-proġett li qed jiġi ppreżentat – Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jistgħu jkunu msieħba fil-proġett.

Dawn huma unuri mhux kompetittivi:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Unur għall-karriera artistika | Lifetime achievement award |
| 2 | Unur għall-promoturi kulturali | Honour for cultural promoters |
| 3 | Unur għall-wirt artistiku | Honour for artistic legacy |
| 4 | Premju għall-Ambaxxatur fl-Arti | Ambassador of the Arts Award |

Nominazzjonijiet għall-kategoriji tal-unuri qegħdin jiġu aċċettati. Dawn se jkunu evalwati minn bord intern. Irreferi għat-taqsima li tirrigwardja l-unuri għal aktar informazzjoni.

Il-Premju tal-Ambaxxatur tal-Arti se jkun miftuħ għal aġġudikazzjoni kull erba' snin.

## 3. L-Iskeda taż-Żmien

Il-perjodu ta' eliġibbiltà huwa bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2025.

Il-formoli ta' nominazzjoni jistgħu jitressqu sad-19 ta' ta' Settembru 2025 f'nofsinhar. Nominazzjonijiet li jitressqu wara d-data ta' skadenza ma jiġux aċċettati. Nominazzjonijiet għall-edizzjoni sussegwenti tal-Premju għall-Arti se jkunu aċċettati mid-19 ta' Settembru 2025, waranofsinhar.

## 4. Il-Proċess ta' Nominazzjoni

Il-proċess ta' nominazzjoni ta' kull kategorija msemmija f'taqsima 2, huwa bbażat fuq sejħa miftuħa li tinsab fuq **www.premju.mt.**

In-nominazzjonijiet jistgħu jitressqu minn Maltin jew individwi bbażati f'Malta, organizzazzjonijiet, kif ukoll entitajiet pubbliċi u/jew privati, skont il-kategorija. Awtonominazzjonijiet huma wkoll aċċettati. In-nominati jridu jkunu Maltin jew individwi bbażati f'Malta, organizzazzjonijiet, kif ukoll entitajiet pubbliċi u/jew privati. F'każ ta' gruppi jew kollettivi, jenħtieġ li jkunu primarjament ibbażati u joperaw mill-Gżejjer Maltin.

Fil-każ tal-kategoriji kompetittivi numri 1 sa 12, ix-xogħol propost jista' jkun oriġinali jew addattat. Għal xogħlijiet li huma bbażati fuq, jew addattati minn xogħlijiet eżistenti, parzjalment jew bi sħiħ, jenħtieġ li l-liċenzjar u d-dokumentazzjoni ta' awtorizzazzjoni jkunu mressqa flimkien mal-formola tal-applikazzjoni.

Membri tat-tim ta' ġestjoni tal-Premju għall-Arti ma jistgħux jinnominaw kandidat u/jew lilhom infushom għal kwalunkwe premju. Membri tal-bord evalwattiv li nnominaw xi kandidat u/jew lilhom infushom għall-premjijiet ma jistgħux iservu fil-ġurija tal-Premju.

Fil-każ tal-unuri, il-ġurija tirriżerva d-dritt li tinnomina individwi jekk in-nominazzjonijiet li rċivew ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-kategorija.

Mistoqsijiet dwar il-proċess ta' nominazzjoni u/jew il-Premju għandhom jintbagħtu lil **awards@artscouncil.mt.**

### 4.1 Il-formoli ta' nominazzjoni

Segwi dawn l-istruzzjonijiet biex tressaq nominazzjoni:

1. Formola ta' nominazzjoni online tinsab fuq www.premju.mt.
2. Imla l-formola online (b'mod konċiż).

N.B. Nominazzjoni waħda hija biżżejjed biex tikkwalifka għall-premju.

### 4.2 Il-proċess ta' applikazzjoni

It-tim tal-Premju għall-Arti se jipproċessa n-nominazzjonijiet u jikkuntattja lill-artist jew il-produttur tax-xogħol permezz ta' email.

In-nominati, biex jaċċettaw in-nomina, se jirċievu struzzjonijiet permezz ta' email biex jissottometu formola ta' applikazzjoni online li tinkludi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni mitluba skont l-iskeda taż-żmien (jekk jogħġbok irreferi għall-mudell fl-Appendiċi A).

**N.B. In-nominati jirriżervaw id-dritt li ma jaċċettawx in-nominazzjoni.**

## 5. Il-Proċess tal-Għażla

Il-formoli ta' applikazzjoni kollha jiġu evalwati skont il-kriterji stabbiliti, kif deskritt f'dawn il-Linji Gwida u Regolamenti.

Il-formoli tal-applikazzjoni eliġibbli se jkunu assessjati minn ġurija magħmula minn evalwaturi esterni u rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti. Il-membri tal-ġurija se jintgħażlu skont l-esperjenza professjonali tagħhom relattabbli mal-kategoriji u l-forom speċifiċi tal-arti. Membri tal-ġurija jistgħu jassessjaw aktar minn kategorija waħda. Fil-każ tat-tliet unuri, il-ġurija se tkun magħmula minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-ġurija se tagħti marki lill-formoli ta' applikazzjoni kollha. Sabiex applikazzjoni tikkwalifika għal premju, jenħtieġ li l-applikazzjoni tikseb minimu ta' 60 marka. F'każ li f'kategorija speċifika, applikazzjoni waħda biss tikseb 60 marka jew aktar, awtomatikament dik is-sottomissjoni titqies bħala r-rebbieħa ta' dik il-kategorija.

F'każ ta' marki ugwali bejn żewġ sottomissjonijet jew aktar li jista' jaffettwa l-ordni tal-klassifika tal-applikazzjonijiet fl-istadu ta' evalwazzjoni, l-evalwaturi huma mistiedna li jerġgħu jassessjaw is-sottomissjonijiet u tiġi stabbilita klassifika aġġornata. Dan il-proċess jista' jiġi rrepetut sakemm tiġi stabbilita lista finali ċara.
L-ogħla ħames sottomissjonijiet fil-kategoriji 1 sa 14 se jitħabbru online f'Novembru 2025.
L-applikazzjonijiet li tressqu għall-erba' kategoriji msemmija hawn isfel jgħaddu minn stadju ieħor ta' għażla – il-Votazzjoni Pubblika. Il-pubbliku se jkun mistieden jagħżel applikazzjoni waħda fost l-ogħla ħamsa, għal kull kategorija:

- L-aqwa xogħol għal tfal u żgħażagħ;
- L-aqwa proġett fil-komunità;
- L-aqwa kisbiet internazzjonali; u
- L-aqwa intrapriża kreattiva u innovattiva.

Il-votazzjoni pubblika se ssir fuq www.premju.mt. Kull persuna intitolata għal vot kull kategorija, skont in-numru tal-karta tal-identità tagħha. Il-votazzjoni pubblika se jkollha piż ta' 25% tal-marka finali.

Nominazzjonijiet għall-kategoriji tal-unuri qegħdin jiġu aċċettati. Dawn se jkunu evalwati minn bord intern. F'każ ta' nominat wieħed f'kategorija speċifika, dan in-nominat ma jkunx imħabbar online, imma jkun imħabbar direttament matul iċ-ċerimonja tal-premjijiet. Nominati għall-kategoriji tal-unuri mhux se jiġu mħabbra online imma se jiġu mħabbra direttament matul iċ-ċerimonja tal-premjijiet.

L-applikazzjoni bl-ogħla marka f'kull kategorija se tkun imħabbra bħala r-rebbieħa matul iċ-ċerimonja tal-premjijiet.

Ebda informazzjoni fuq il-proċess tal-għażla mhi se toħroġ qabel it-tħabbir tar-riżultat uffiċjali. Kwalunwe forma ta' sollecitazzjoni tiddiżkwalifika awtomatikament in-nominazzjoni.

Kull informazzjoni li jirċievu l-Kunsill Malti għall-Arti, kwalunkwe koordinatur maħtur u l-ġurija se tiġi kkunsidrata bħala kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess ta' evalwazzjoni.

## 6. It-Trofew

Waqt il-Lejla tal-Premjijiet, ir-rebbieħa se jkunu ppreżentati bi trofew prestiġjuż tal-Kunsill Malti għall-Arti maħluq u żviluppat mill-artist Kane Calì.

## 7. Il-Kategoriji tal-Premjijiet

### 1. L-aqwa programm jew staġun artistiku 2023/2024/ Best artistic programme or season 2023/2024

Dawn il-premjijiet jirrikonoxxu l-aktar programm ippreżentat li spikka skont il-kwalità tax-xogħol propost, l-impatt tiegħu fuq is-settur artistiku, l-impatt nazzjonali, u l-kritika pożittiva ġenerali li qala'.

Programmi jew staġuni nominati, jistgħu jkunu festivals, programmi artistiċi relatati ma' postiijiet speċifiċi jew programmi proposti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi li ttellgħu bejn l-2023 u l-2024.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Il-programm nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Il-programm nominat ħakem l-attenzjoni tal-udjenzi li raw ix-xogħlijiet proposti?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħrajn?
- Il-programm ħalla impatt fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali?
- Il-programm ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 2. L-aqwa programm jew staġun artistiku 2024/2025 / Best artistic programme or season 2024/2025

Dawn il-premjijiet jirrikonoxxu l-aktar programm ippreżentat li spikka skont il-kwalità tax-xogħol propost, l-impatt tiegħu fuq is-settur artistiku, l-impatt nazzjonali, u l-kritika pożittiva ġenerali li qala'.

Programmi jew staġuni nominati, jistgħu jkunu festivals, programmi artistiċi relatati ma' postiijiet speċifiċi jew programmi proposti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi li ttellgħu bejn l-2024 u l-2025.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Has the work reached the highest levels of excellence in artistic and production levels?
- Has the nominated programme received significant positive critical acclaim?
- Has the nominated programme captured the attention of audiences who witnessed the works proposed?
- If relevant, has the work proposed relevant and significant collaborations with other artists, entities and/or partners?
- Has the programme made an impact on the national creative ecology?
- Has the programme in any way contributed to the implementation of Arts Council Malta's ongoing strategy?

### 3. Premju għat-tisħiħ artistiku nazzjonali / Award for national artistic excellence

Dan il-premju jirrikonoxxi l-aktar produzzjoni jew proġett artistiku organizzat minn Organizzazzjoni Kulturali Pubblika fl-iskeda taż-żmien eliġibbli li spikkat. Il-premju jirrikonoxxi lill-Organizzazzjoni Kulturali Pubblika li stinkat biex issaħħaħ aktar il-kultura lokali u l-ekoloġija kreattiva permezz ta' xogħolha, li ħalla impatt pożittiv fuq is-settur.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Ix-xogħol propost kellu kunċett artistiku innovattiv?
- Il-programm nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħrajn?
- Ix-xogħol ħakem l-attenzjoni tal-udjenza fil-mira?
- Ix-xogħol, jew l-artist, ħalla impatt fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali u tal-komunità lokali?
- Il-programm ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 4. L-aqwa xogħol għal tfal u żgħażagħ / Best work for young audiences

Dan il-premju jirrikonoxxi proġett artistiku ta' eċċellenza maħluq speċifikament għal udjenzi żgħażagħ. Dan il-premju mmirat għal produzzjonijiet li jinvolvu professjonisti kreattivi li joħolqu xogħlijiet artistiċi ta' eċċellenza li jispiraw u jinvolvu lil tfal u żgħażagħ sal-età ta' 16-il sena.

Il-proġetti nominati jistgħu jkunu proġetti artistiċi, spettakli, kunċerti, esebizzjonijiet, films, xogħlijiet artistiċi interdixxiplinari, u xogħlijiet awdjoviżivi maħluqa speċifikament għal tfal u żgħażagħ sal-età ta' 16-il sena u ppreżentati permezz ta' preżentazzjonijiet pubbliċi u/jew minn skejjel.

In-nominati jistgħu jkunu proġetti mmexxija minn individwi, gruppi, indipendenti, jew entitatijet pubbliċi. Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Il-programm nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Ix-xogħol propost kien xieraq għall-udjenza fil-mira?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħrajn?
- Ix-xogħol propost ikkontribwixxa lejn l-iżvilupp tal-arti għal udjenzi żgħażagħ?
- Ix-xogħol ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 5. L-aqwa proġett fil-komunità / Best project in the community

Dan il-premju mfassal biex jinkoraġġixxi, jonora, u jippromwovi eċċellenza fi proġetti artistiċi mal-komunitajiet. Dan il-premju jiffoka b'mod speċjali fuq involviment soċjali, skambju soċjali u kulturali, inklussività, u proċess kreattiv parteċipatorju li jispikkaw xprunati mill-arti.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti artistiċi, spettakli, kunċerti, esebizzjonijiet, films, xogħlijiet artistiċi interdixxiplinari, u xogħlijiet awdjoviżivi maħluqa speċifikament mal-komunità u għall-komunità.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Ix-xogħol nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Ix-xogħol propost kien relevanti għall-udjenza fil-mira?
- Ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti bejn artisti varji kif ukoll mal-komunità?
- Ix-xogħol ħalla impatt mal-komunità lokali?
- Ix-xogħol propost ikkontribwixxa għall-iżvilupp tal-komunità involuta?
- Ix-xogħol ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 6. L-aqwa produzzjoni: teatru / Best production: theatre

Dan il-premju jirrikonoxxi l-produzzjoni artistika teatrali ppreżentata li l-aktar spikkat, f'termini ta' kwalità tax-xogħol, l-impatt tagħha fuq is-settur artistiku nazzjonali, u jekk relevanti dak internazzjonali, kif ukoll skont il-kritika pożittiva ġenerali li qalgħet.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti artistiċi teatrali, spettakli, drama, xogħlijiet artistiċi, u awdjoviżivi, dramm, u/jew attività jew preżentazzjoni oħra meqjusa f'termini ta' kwalità drammatika, ippreżentata permezz ta' kwalunkwe forma ta' preżentazzjoni pubblika.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Ix-xogħol nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħrajn?
- Ix-xogħol nominat ħoloq opportunitajiet ta' żvilupp artistiku lill-artisti u l-kollaboraturi involuti?
- Ix-xogħol ħalla impatt fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali?
- Ix-xogħol ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 7. L-aqwa Produzzjoni: żfin / Best Production: dance

Dan il-premju jirrikonoxxi l-produzzjoni artistika taż-żfin ippreżentata li l-aktar spikkat, f'termini ta' kwalità tax-xogħol, l-impatt tagħha fuq is-settur artistiku nazzjonali, u jekk relevanti dak internazzjonali, kif ukoll skont il-kritika pożittiva ġenerali li qalgħet.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti artistiċi ta' żfin, spettakli, xogħlijiet artistiċi, u awdjoviżivi u/jew kwalunkwe attività jew preżentazzjoni oħra meqjusa f'termini tal-kwalità taż-żfin, ippreżentata permezz ta' kwalunkwe forma ta' preżentazzjoni pubblika.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Ix-xogħol nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħrajn?
- Ix-xogħol nominat ħoloq opportunitajiet ta' żvilupp artistiku lill-artisti u l-kollaboraturi involuti?
- Ix-xogħol ħalla impatt fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali?
- Ix-xogħol ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 8. L-aqwa produzzjoni: arti viżiva / Best production: visual art

Dan il-premju jirrikonoxxi l-produzzjoni fl-arti viżiva ppreżentata li l-aktar spikkat, f'termini ta' kwalità tax-xogħol, l-impatt tagħha fuq is-settur artistiku nazzjonali, u jekk relevanti dak internazzjonali, kif ukoll skont il-kritika pożittiva ġenerali li qalgħet.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti artistiċi, esebizzjonijiet, xogħlijiet artistiċi, u awdjoviżivi ppreżentati permezz ta' kwalunkwe forma ta' preżentazzjoni pubblika, inkluż imma mhux limitati biss għalihom, forom ta' arti li huma primarjament viżwali fin-natura tagħhom.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Ix-xogħol nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħrajn?
- Ix-xogħol nominat ħoloq opportunitajiet ta' żvilupp artistiku lill-artisti u l-kollaboraturi involuti?
- Ix-xogħol ħalla impatt fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali?
- Ix-xogħol ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 9. L-aqwa produzzjoni: multidixxipplinarja / Best production: multidisciplinary

Dan il-premju jirrikonoxxi l-produzzjoni artistika ppreżentata b'mod multidixxiplinarju li l-aktar spikkat, f'termini ta' kwalità tax-xogħol, l-impatt tagħha fuq is-settur artistiku nazzjonali, u jekk relevanti dak internazzjonali, kif ukoll skont il-kritika pożittiva ġenerali li qalgħet.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti artistiċi, esebizzjonijiet, xogħlijiet artistiċi, u awdjoviżivi ppreżentati permezz ta' kwalunkwe forma ta' preżentazzjoni pubblika li jwaħħdu aktar minn dixxiplina artistika waħda.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Ix-xogħol nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħrajn?
- Ix-xogħol nominat ħoloq opportunitajiet ta' żvilupp artistiku lill-artisti u l-kollaboraturi involuti?
- Ix-xogħol ħalla impatt fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali?
- Ix-xogħol ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 10. L-aqwa produzzjoni: mużika / Best production: music

Dan il-premju jirrikonoxxi l-produzzjoni artistika mużikali ppreżentata li l-aktar spikkat, f'termini ta' kwalità tax-xogħol, l-impatt tagħha fuq is-settur artistiku nazzjonali, u jekk relevanti dak internazzjonali, kif ukoll skont il-kritika pożittiva ġenerali li qalgħet.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti mużikali, spettakli, kunċerti, xogħlijiet mużikali, u awdjoviżivi u/jew kwalunkwe attività jew preżentazzjoni oħra kkunsidrata f'termini tal-kwalità mużikali tagħha, ippreżentata permezz ta' kwalunkwe forma ta' preżentazzjoni pubblika.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Ix-xogħol nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħrajn?
- Ix-xogħol nominat ħoloq opportunitajiet ta' żvilupp artistiku lill-artisti u l-kollaboraturi involuti?
- Ix-xogħol ħalla impatt fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali?
- Ix-xogħol ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 11. L-aqwa kisbiet internazzjonali / Best international achievement

Dan il-premju jiċċelebra xogħol li jispikka ta' artisti Maltin jew ibbażati f'Malta li wera sforz straordinarju fit-twessigħ tal-fruntieri u fil-bini ta' pontijiet internazzjonali. Dan il-premju jfittex li jirrikonoxxi artist/i li, minkejja l-ostakli varji, irnexxielu jidħol fl-isfera internazzjonali u kiseb suċċess internazzjonali.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti artistiċi, spettakli/kunċerti/esebizzjonijiet ta' darba, tours, films, xogħlijiet artistiċi interdixxiplinari, proġetti ta' kollaborazzjoni internazzjonali, u xogħlijiet awdjoviżivi ppreżentati permezz ta' kwalunkwe forma ta' preżentazzjoni pubblika fuq livell internazzjonali matul il-perjodu eliġibbli.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Dan ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fuq livelli artistiċi u ta' produzjoni?
- Ix-xogħol ingħata rikonoxximent kritiku sinifikanti internazzjonalment u ħalla impatt importanti fuq l-arti permezz ta' preżentazzjoni pubblika?
- Ix-xogħol involva kollaborazzjoni ma' artisti/pjattaformi internazzjonali oħra li saħħew ir-relazzjonijiet internazzjonali?
- L-artist/i li mexxew ix-xogħol urew innovazzjoni u viżjoni u rnexxielhom jidħlu fi swieq internazzjonali ġodda?
- Ix-xogħol ikkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

**12. L-aqwa intrapriża kreattiva u innovattiva / Best creative and innovative enterprise**

Dan il-premju jfittex li jirrikonoxxi intrapriża kreattiva u innovattiva li kisbet il-prestazzjoni li spikkat f'oqsma bħas-sostenibbiltà, it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tax-xogħol, il-kollaborazzjoni ma' intrapriżi f'setturi oħrajn, l-aċċess għal swieq nazzjonali u internazzjonali ġodda, u d-diversifikazzjoni tar-rendiment kreattiv tagħha.

Dan il-premju jirrikonoxxi wkoll l-iżvilupp ta' prodott kreattiv innovattiv, il-mudell tan-negozju, il-proċess, il-metodoloġija, jew is-servizz.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Ix-xogħol ippropona approċċ innovattiv fil-metodoloġija tiegħu permezz ta' riċerka, żvilupp, twettiq tal-proġett?
- L-artist jew l-artisti, permezz tal-proġett, esperimentaw bl-approprijazzjoni ta' midja u teknoloġiji ġodda fi ħdan l-arti?
- Il-proġett serva bħala katalista, xpruna proċessi u produzzjonijiet innovativi fi ħdan l-arti?
- Il-proġett ippermetta t-twaqqif ta' networks u alleanzi ġodda bejn aġenti kreattivi u soċjali differenti?

**13. Il-prattikant kreattiv żagħżugħ/a / Young creative practitioner**

Il-premju għall-prattikant kreattiv żagħżugħ/a jirrikonoxxi lill-prattikant żagħżugħ/a li l-aktar spikka, li l-formazzjoni u kisbiet artistiċi tiegħu flimkien mal-impenn tiegħu lejn l-arti ddistingwewh.

Din il-kategorija tista' tikkunsidra individwi jew grupp. F'każ ta' sottomissjonijiet ta' gruppi, il-maġġoranza tal-artisti jridu jkollhom età ta' bejn 13 u 30 sena.

Il-faxxa ta' età eliġibbli għal dan il-premju hija ta' bejn 13 u 30 sena (sal-aħħar tas-sena 2023).

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra dawn il-punti li ġejjin:

- Il-prattikant kreattiv żagħżugħ ħoloq xogħol ta' eċċellenza li rċieva kritika pożittiva sinifikanti matul l-iskeda taż-żmien eliġibbli?
- Il-prattikant kreattiv żagħżugħ ta evidenza ta' viżjoni artistika ċara u l-potenzjal ta' eċċellenza kontinwa?
- Il-prattikant kreattiv żagħżugħ ħakem l-attenzjoni tal-udjenzi li esperjenzaw xogħlu?
- Il-prattikant kreattiv żagħżugħ wera l-abbiltà li jkun ispirazzjoni u mudell għal artisti oħrajn?
- Xogħlu kkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

### 14. Premju għall-prattikant kreattiv / Creative practitioner award

Dan il-premju jirrikonoxxi l-prattikant kreattiv l-aktar li spikka skont il-kwalità ta' xogħlu f'termini ta' preżentazzjoni u eżekuzzjoni, l-impatt fuq is-settur artistiku u l-kritika pożittiva ġenerali li qala'.

Din il-kategorija tista' tikkunsidra individwu jew kollettivi indipendenti. Entitajiet pubbliċi mhumiex eliġibbli għal nominazzjoni għal dan il-premju.

Biex iressaq argument sod, in-nominat jeħtieġ li jikkunsidra u jirrispondi għal dawn il-punti li ġejjin:

- Il-prattikant kreattiv ħoloq xogħol ta' eċċellenza li rċieva kritika pożittiva sinifikanti matul l-iskeda taż-żmien eliġibbli?
- Il-prattikant kreattiv ħakem l-attenzjoni tal-udjenzi li esperjenzaw xogħlu?
- Il-prattikant kreattiv ikkollabora ma' artisti oħra minn ġeneri jew forom ta' arti oħra biex joħloq xogħol ġdid li kien ikkunsidrat suċċess sija jekk l-għanijiet tiegħu kienu għal skopijiet ta' riċerka, sija bħala prodott finali?
- L-artist ħalla impatt mal-komunità nazzjonali tal-arti?
- Xogħlu kkontribwixxa b'xi mod lejn it-twettiq tal-istrateġija kurrenti tal-Kunsill Malti għall-Arti?

## 8. Il-Kategoriji tal-Unuri

### 1. Unur għall-karriera artistika / Lifetime achievement award

Dan l-unur se jirrikonoxxi individwu, li matul ħajtu kkontribwixxa kreattivament b'mod sinifikanti lejn is-settur kulturali u kreattiv ta' Malta.

Il-pubbliku mistieden jinnomina individwu li jemmen huwa l-aktar artist li jistħoqqlu dan il-permju skont il-kriterji ta' hawn isfel. Ladarba l-individwu jkun nominat, in-nominati jiġu evalwati mill-ġurija. Il-bord jirriżerva d-dritt li jinnomina rebbieħ f'każ li ebda min-nominati ma jissodisfa l-kriterji tan-nominazzjoni.

Individwi biss jistgħu jiġu nominati għal dan il-premju.

### 2. Unur għall-promoturi kulturali / Honour for cultural promoters

Dan l-unur se jirrikonoxxi individwi, gruppi jew organizzazzjonijiet li mmarkaw b'mod sinifikanti s-settur kreattiv lokali u/jew dak internazzjonali. Dawk li jingħataw dan l-unur huma dawk li fil-kapaċità personali jew professjonali tagħhom xprunaw, influwenzaw, iffinanzjaw, u ħallew impatt pożittiv fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali u/jew internazzjonali.

### 3. Unur għall-wirt artistiku / Honour for artistic legacy

Dan l-unur se jirrikonoxxi individwi, gruppi, jew organizzazzjonijiet li bl-attivitajiet tagħhom jippromwovu x-xena kulturali Maltija. Dawk li jingħataw dan l-unur huma individwi jew organizzazzjonijiet li jippromwovu valuri soċjali nazzjonali, tradizzjonijiet, użanzi, prattiċi, u estetiċi li jenfasizzaw il-kultura Maltija u jżommu t-tradizzjoni fil-qalba tal-attività tagħhom.

### 4. Premju għall-Ambaxxatur fl-Arti / Ambassador of the Arts Award

Dan l-unur ser jirrikonoxxi l-kontribut eċċellenti ta 'individwu li taw appoġġ u kontribuzzjoni sinifikanti għall-industriji kulturali u kreattivi fil-gżejjer Maltin. Dawk li jingħataw il-premju huma individwi li ppromovew l-arti u l-kultura Maltija fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

Għal dan il-premju jistgħu jiġu nnominati biss individwi.

## 9. L-Ilmenti

L-ilmenti kollha jiġu ttrattati b'kunfidenzjalità.

In-nominaturi u n-nominati jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f'dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern.
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

In-nominaturi jew in-nominati biss jistgħu jressqu lment li jikkonċerna n-nominazzjoni.

### 9.1 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa' finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija, il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill jifforma bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

## 10. Ikkuntattjana

Għal aktar informazzjoni, tista' ċċemplilna fuq 23347201/02 jew tibagħtilna email fuq **awards@artscouncil.mt.**

**Appendiċi A (mudell tal-formola ta' applikazzjoni għan-nominati)**

Dokumentazzjoni mitluba min-NOMINATI

Nominat:

______________________________________

Fil-każ ta' produzzjonijiet dan għandu jkun il-proprjetarju tad-drittijiet intellettwali

Email:

______________________________________

Mobajl:

______________________________________

Deskrizzjoni qasira tal-produzzjoni, il-proġett jew l-istaġun nominat:

Fil-każ ta' nominazzjonijiet għall-Premju għall-prattikant kreattiv jew il-premju Il-Prattikant kreattiv żagħżugħ/a jekk jogħġbok ehmeż bijografija qasira.

| |
|---|
| |

Raġunijiet għaliex għandek tkun ikkunsidrat għal dan il-premju:

Jekk jogħġbok qis il-mistoqsijiet imniżżla taħt il-kategorija fil-Linji Gwida u Regolamenti.

| |
|---|
| |

Ħoloq relevanti għal dokumentazzjoni awdjoviżiva, siti u kwalunkwe riżorsa li tiffoka fuq l-artist, il-proġett, il-produzzjoni, jew l-isaġun nominat. Tista' tinkludi wkoll rispons kritiku jew reċensjonijiet.

| |
|---|
| |